EDWARD FENECH

# IT-TAQSIM EWLIENI TAL-KITBIET TA' VASSALLI

Il-kitbiet ta' Mikiel Anton Vassalli jistgħu jinqasmu taħt żewġt irjus: (a) xogħlijiet lingwistiċi u (b) xogħlijiet letterarji. Ix-xogħlijiet lingwistiċi jerġgħu jinqasmu fi tnejn: (i) xogħlijiet dwar il-fonoloġija, il-grafoloġija, il-morfoloġija u s-sintassi, u dawn iħaddnu l-alfabett Malti tal-1790, il-grammatka tal-Malti bil-Latin tal-1791 u l-grammatka tal-Malti bit-Taljan tal-1827; u (ii) xogħlijiet dwar il-lessiku Malti, u dawn jidhru l-aktar fil-*Lexicon* tiegħu tal-1796, fl-Appendiċi Etimoloġika u Komparattiva u f'żewġ indiċijiet, wieħed mil-Latin u l-ieħor mit-Taljan, b'riferenza għall-kliem Malti li hemm fil-*Lexicon* u li jinsabu mitlufa, u fil-ktieb tal-motti, aforiżmi u proverbji Maltin tal-1828. Ix-xogħlijiet letterarji jinqasmu wkoll f'żewġ partijiet, li huma inegwali ħafna: (i) xogħlijiet ta' traduzzjoni ta' tliet epitaffji mill-Għarbi għal-Latin fl-1793, l-istorja tas-Sultan Ċiru fl-1831, u l-erba' Vanġeli u l-Atti tal-Appostli maqlubin mil-Latin tal-Vulgata u stampati fl-1829 ftit xhur wara li miet Vassalli; (ii) kitba oriġinali li hi t-taħdita magħrufa bit-titlu ta' "Stedina" u li dehret fl-1841 f'ittra mibgħuta minn George Percy Badger lill-Gvernatur Sir H.F. Bouverie fuq kemm il-Malti jista' jgħin it-tagħlim fl-Iskejjel Primarji. Vassalli kiteb ukoll żewġ manifesti propagandistiċi bl-ilsien Taljan bil-ħsieb li jiġbor l-imseħbin għal-*Lexicon* u l-*Appendiċi Etimoloġika.*

### Xogħlijiet Lingwistiċi

Għalkemm għadda ħafna żmien mindu kiteb Mikiel Anton Vassalli,[1] ix-xogħlijiet lingwistiċi tiegħu xorta waħda baqgħalhom valur kbir. Hu minnu li ħafna mill-prinċipji ta' żmienu sal-lum inbidlu, imma dan ma jfissirx li tilfu l-interess tal-istudjużi ta' żmienna. Anzi meta naraw x'irnexxielu jagħmel fi żminijiet hekk imbiegħda, iktar nifhmu kemm kien bniedem kbir Vassalli, u kemm irnexxielu jikseb għerf lingwistiku fi żmien disa' snin bejn l-1731, meta kien għadu ma jafx b'ilsna barranin,[2] u l-1790, meta beda x-xogħol lingwistiku tiegħu bil-pubblikazzjoni tal-Alfabett Malti.

### Studji Grammatikali

Vassalli beda l-ħidma tiegħu b'riżq il-Malti billi studja l-ħsejjes vokaliċi u konsonantali li kienu jeżistu fil-Malti ta' żmienu, u tahom is-simboli li dehrulu l-aktar xierqa. Hu għamel l-istess għall-konsonanti storiċi li għal xi raġunijiet ta' semantika, morfoloġija u filoġija ħaseb li kellhom jidħlu fil-kitba tal-Malti. B'dan il-mod, waqqaf l-alfabett, jew aħjar l-ewwel alfabett tiegħu. Wara għadda għall-istudju tal-morfoloġija u tas-sintassi.

Hawnhekk se niddiskutu fil-qosor ix-xogħlijiet tiegħu f'ordni kronoloġika taħt l-irjus differenti li semmejna qabel. B'dan il-mod wieħed ikun jista' jieħu idea ġenerali tal-kontributi kollha ta' Vassalli qabel ma nistudjaw iktar fid-dettall il-*Lexicon* u l-*Appendiċi Etimoloġika u Komparattiva* tiegħu.

## Alfabet Malti Mfysser Byl Mâlti u Byt-Tâljan, Ruma, 1790

Il-ktejjeb ta' erbgħa u għoxrin paġna *Alfabet Malti Mfysser Byl Mâlti u Byt-Taljân,* li għandu wkoll it-titlu *Alfabeto Maltese Spiegato in Lingua Maltese e Italiana,* iġib l-isem ta' Antonio Fulgoni bħala stampatur, imma ma jgħid xejn dwar min hu l-awtur. Madankollu hu attribwit lil Vassalli għal diversi raġunijiet. Waħda minnhom hi li l-alfabett hu l-istess wieħed li hemm fil-Grammatka tal-Malti bil-Latin pubblikata sena wara. Argument ieħor hu li l-qofol ta' dan il-ktieb jinsab ukoll fil-Grammatka ta' Vassalli. Imma mbagħad hemm ukoll riferenzi mill-awtur ta' l-*Alfabet Mâlti għall-Mylsen Phoenico–Punicum sive Grammatica Melitensis* (Ruma 1791). Hekk, per eżempju, insibu riferenza għaliha bħala xogħol mitmum u għal-*Lexicon* li kien għad irid jintemm: "...molti simili esempj...si potranno incontrare nella nostra Grammatica Maltese, ed a suo tempo saranno più osservabili nel Dizionario."[3] F'għeluq l-istess ktejjeb jgħid ukoll: "...tutte queste ragioni l'abbiamo esposte nella nostra Grammatica Maltese, della quale abbiamo estratto questa breve Spiegazione Maltese e Italiana per render a tutti più agevole l'intelligenza."[4] Barra minn dan, fil-*Lexicon* qal li, wara li kien studja l-Għarbi u ilsna Orjentali oħra fis-Sapientia ta' Ruma, kiteb Alfabett u Grammatka Maltija fl-ilsien Latin.[5]

Fl-*Alfabet Mâlti*, Vassalli daħħal seba' vokali: a, e, y, i, o, u, x, u sitta u għoxrin konsonanti: b, t, d, f, ġ, ċ, h, ħ, kħ, g, rgħajn (għamla ta' għ ħarxa), għ, j, k, q, l, m, n, p, r, s, x, w, v, ż, z, bl-istess ordni kif inhuma mogħtija hawn, għalkemm xi simboli konsonantali kellhom jinbidlu hawn għall-ħeffa tal-istampa.

Vassalli, fost ħwejjeġ oħra, ta deskrizzjoni tal-vokali u tal-konsonanti Maltin u tkellem aktar fit-tul dwar il-konsonanti gutturali, ħ, kħ, rgħajn, għ, u q. Hu tkellem ukoll dwar id-differenza (li llum insejħulha fonemika) bejn il-ħsejjes konsonantali u vokaliċi li huma qrib xulxin.[6] Hu juri li l-għażla bejn konsonanti u oħra u bejn vokali u oħra hi bażika billi jagħti żewġ kelmiet li jaqblu f'kull ħoss minbarra fil-konsonanti jew fil-vokali li jkun irid juri li hi bażika. Dawn iż-żewġ kelmiet illum insejħulhom 'par minimu'. Hekk, biex wera li l-**ħ** tingħażel minn **kħ** ta, fost oħrajn, dawn l-eżempji:

| | |
|---|---|
| ħajt **parete** | kħajt **filo** |
| ħall **sciolse** | kħall **aceto** |

Hekk ukoll, biex juri kif il-vokli **â** tingħżel minn **ô**, ta fost eżempji oħra dawn li ġejjin:

| | |
|---|---|
| dâr **casa** | dôr **si voltò** |
| ħmâr **si fece rosso** | ħmôr **asino** |

Għalkemm fil-Malti standardizzat ma hemmx dawn id-distinzjonijiet, għadhom jinħassu xorta waħda f'xi djaletti ta' Malta u Għawdex. Barra minn dan hemm tajjeb li Vassalli kien qiegħed jinqeda b'metodu xjentifiku li għadu validu sal-lum billi nqeda bil-par minimu jew bis-sett minimu.

## Mylsen Phoenico–Punicum Sive Grammatica Melitensis, Ruma, 1791

Il-*Mylsen* jibda b'daħla storika dwar il-Malti, u Vassalli jgħid, bħalma kien qal qablu l-Kanonku Ġ.P.F. Aguis de Soldanis, li l-ilsien Malti hu mnissel mill-Feniċju: "...certum est Melitensem linguam a Phoenicibus originem trahere; quum hi primi



fuerint, qui per plurima finitima loca peragrarint, et primi, qui navibus Melitam pervenerint..."[7] Għalhekk kien jaħseb li l-Feniċi kienu l-ewwel nies li ħallew l-influwenza lingwistika.

Vassalli kien iżomm ukoll il-prinċipju tal-proto–lingwa, li hu kien isejjaħ Omm (*Mater*) l-ilsna. Waqt li l-Malti ġej mill-Feniċju, il-Feniċju kien ġej mill-Kaldajk, li b'differenza djalettali kien mitkellem kemm mill-Kananej, kemm mill-Feniċi, u kemm mil-Lhud.[8]

Maż-żmien, il-Malti Feniċju kien influwenzat mill-Puniku, imma baqa' ħieles mill-influwenzi tal-Grieg u tal-Latin. Mal-miġja tal-Għarab il-Feniċju–Puniku ta' Malta beda jitħassar bil-Għarbi kemm minħabba l-qrubija ta' bejn il-Malti ta' dak iż-żmien u l-Għarbi, u kemm minħabba l-analoġija.[9]

Wara d-daħla storika, Vassalli jagħmel diskussjoni dwar it-twaqqif tal-ortografija tal-Malti u jammetti l-prinċipju li l-elementi tal-ilsna huma l-ħsejjes distintivi li bihom jissawwar il-kliem: "Elementa autem linguarum sunt soni inter se distincti, quibus sermonis dictiones efformantur..."[10] Dan hu fil-qosor il-prinċipju tat-twaqqif ta' l-allofonijiet (realizzazzjonijiet attwali ta' ħsejjes mhux distinti) f'fonemi. Min-naħa l-oħra, il-ħsejjes distintivi jridu jkunu rappreżentati b'simboli ortografiċi: "...sed soni cyfris seu litteris describuntur."[11] B'hekk Vassalli kien miexi xjentifikament mill-fonoloġija għall-grafoloġija.

Fl-istudju tal-fonoloġija Vassalli għażel bejn il-vokali u l-konsonanti bħalma kien għamel fl-*Alfabet Mâlti*, imma mbagħad daħal iżjed fid-dettall meta ġie għad-deskrizzjoni tal-ħsejjes. Hu qal li l-ħsejjes konsonantali jissawru bl-organi tal-ħalq, li huma x-xufftejn, is-snien, l-ilsien, il-palat u l-gerżuma. Għalhekk hu qasam il-konsonanti f'ħamsa: **konsonanti labjali**, b, p, f, w, m, v; **konsonanti dentali**, s, ż, x, z; **konsonanti lingwali**, t, d, l, n, r; **konsonanti palatini** jew tal-palat (illum imsejħa 'palatali'), j, k, ċ, ġ, g; u **konsonanti gutturali**, ħ, kħ, għ, rgħajn, q, h. Il-vokali qasamhom fi tnejn: **vokali żgħar** jew **qosra**, a, e, y, i, o, u; u **vokali kbar** jew **twal**, aa, yy, ii, oo, uu, u:, ae. Il-vokali t-twal jerġgħu jinqasmu fi tnejn: **vokali ta' kwalità ċara**, bl-aċċent miftuħ, (ii, uu), u **vokali ta' kwalità mħallta**, bl-aċċent magħluq (aa, yy, oo, u:, ae).[12]

Wara l-istudju fonoloġiku tiegħu, Vassalli żied taqsima żgħira li fiha ta l-alfabett tal-Malti li hu waqqaf fuq dawk il-prinċipji.[13]

Il-kontenut ewlieni tal-*Mylsen* ta' Vassalli hu maqsum fi tliet kotba li jittrattaw il-fonoloġija u l-grafoloġija, il-morfoliġija, u fl-aħħarnett is-sintassi.

Fl-ewwel ktieb Vassalli jitkellem dwar dak li hu jsejjaħ l-elementi, jiġifieri l-ittri ta' l-alfabett b'dak li jinkludu kemm bħala ħsejjes u kemm bħala simboli. Għalhekk hu jibda billi jgħidilna li l-elementi tal-ilsien Malti huma tlieta u tletin, u li jinkitbu b'daqstant ittri: "Elementa Linguae Melitensis sunt numero XXXIII, et totidem literis describuntur..."[14] L-eqreb terminu modern lejn il-kelma 'elementa' kif imħaddma minn Vassalli hi l-kelma 'fonemi', jiġifieri ħsejjes distintivi. Kien Aristotili l-ewwel studjuż li nqeda bit-terminu **elementum** bit-tifsira ta' fonema.

Fl-ewwel kapitlu ta' l-ewwel ktieb Vassalli jitkellem dwar l-alfabett, jagħti deskrizzjoni tal-ħsejjes vokaliċi u konsonantali, u jagħti l-ordni ta' kif għandhom jinkitbu wara xulxin fl-alfabett. Fit-tieni kapitlu jitkellem dwar xi vokali li jixxiebhu bħalma kien għamel qabel fl-*Alfabet Mâlti*, u jagħti wkoll eżempji ta' kliem li jaqbel f'kollox minbarra f'konsonanti waħda jew f'vokali waħda u għandu tifsira differenti. Ħafna mill-eżempji huma l-istess bħal tal-*Alfabet Mâlti*. Fit-tielet kapitlu jikteb dwar dak li llum insejħu assimilazzjoni parzjali tal-konsonanti b, d, ġ, rgħajn, għ, u ż, li jinstemgħu p, t, ċ, kħ, u s meta jkunu fit-tarf ta' kelma. Hu jgħid li għandhom jibqgħu jinkitbu mhux fil-ħoss imxebbah, imma f'dak oriġinali għaliex huma l-għeruq tal-kelma. Fir-raba' kapitlu jitkellem iktar fit-tul dwar il-vokali. Fil-ħames kapitlu jikteb dwar il-bdil tal-konsonanti anki fil-kitba, bħal 'it-triq' flok 'il-triq'.[15] Fl-aħħarnett, fis-sitt kapitlu jagħti sitt prinċipji dwar il-metodu tal-kitba li hu għażel.

Fit-tieni ktieb insibu studju tal-morfoloġija Maltija f'erba' taqsimiet. L-ewwel taqsima tittratta dwar in-nom, li jinqasam fi tnejn: (a) sustantiv, li jista' jkun jew (i) proprju, bħal Adam, Malta, Ruma, jew (ii) appellattiv (jiġifieri nom komuni), bħal bniedem, knisja; jew (b) aġġettiv, bħal nadif, sabiħ. It-tieni taqsima titkellem dwar il-pronom marbut jew affiss man-nomi, verbi u partiċelli (jiġifieri prepożizzjonijiet). It-tielet taqsima tiddeskrivi l-verb bl-għamliet diversi tiegħu u bil-vokalizzazzjonijiet possibbli fil-passat, fil-futur u fl-imperattiv. Ir-raba' taqsima, imbagħad, titkellem dwar il-partiċelli, terminu li skond Vassalli jiġbor fih l-avverb, il-konġunzjonijiet, il-prepożizzjonijiet, u l-esklamazzjonijiet li nsibu fil-binja tal-grammatka Latina.[16]

It-tielet ktieb jitkellem dwar is-sintassi tal-Malti, jiġifieri dwar il-binja tal-kliem fis-sentenza. Hekk insibu kif nom jintrabat ma' nom ieħor, eż. żmien il-ferħ, bin ħija; kif verb jintrabat ma' ieħor, eż. kienet marret, ried imur jixrob, u jerġa' jiġi joqgħod fejn kien; kif verb jinbena ma' nom jew bil-maqlub, eż. il-kbarat ma taħsibx fil-foqra għad li taf illi mingħajrhom ma hi xejn; kif pronom jinbena ma' partijiet oħra tad-diskors, eż. sabni, minni, marti; u fl-aħħarnett kif jinbnew ċerti frażijiet u espressjonijiet magħmula minn diversi partijiet tad-diskors, eż. jien innifsi, għadni, f'għajni, għandi, kelli, hux, ma hux, bija n-ngħas.[17]

L-influwenza tal-fonoġija tal-Għarbi, kif ukoll tal-morfoloġija tal-istess ilsien tinħass b'mod iktar ċar minn dik ta' ilsna oħra. Madankollu, minn dak li rajna jidher li kemm dam Ruma jistudja fis-Sapientia, Vassalli kien ħa tħejjija tajba ħafna fil-qasam tal-ilsna Semitiċi. Min-naħa l-oħra nirrealizzaw li Vassalli kien bniedem tassew kapaċi biex applika għall-Malti b'sengħa kbira dak li kien tgħallem b'riferenza għall-ilsna li studja.

### Grammatica della Lingua Maltese, Malta, 1827

Fil-grammatka tal-Malti miktuba bit-Taljan u stampata hawn Malta fl-1827, Vassalli jagħmel nota li hi t-tieni edizzjoni, imkabbra u preżentata f'ordni aħjar. Fil-fatt, tista' titqies bħala grammatka ġdida mibnija fuq il-linja ġenerali tal-grammatka miktuba bil-Latin u ppubblikata sitta u tletin sena qabel.



Vassalli ħalla barra d-daħla storika li kellu fl-ewwel grammatka, imma jidher li ma ċaħad xejn minn dak li kien qal fiha. Anzi hu jagħmel riferenza għaliha fil-kelmtejn qabel "L'Autore ai Lettori".[18] Għal dak li hu taqsim, din il-grammatka fiha ħames kapitli, li minnhom l-ewwel wieħed jitkellem dwar l-alfabett u l-ortografija Maltija, it-tliet kapitli ta' wara jitkellmu dwar il-morfoloġija, u l-aħħar kapitlu jitkellem dwar is-sintassi.

Vassalli beda l-ewwel kapitlu billi ta xi assjomi bħal dawn li ġejjin: (i) kull ħoss ta' ilsien għandu jinkiteb b'simbolu jew ittra waħda li tkun tingħażel minn kull ittra oħra; (ii) l-ebda ittra ma jista' jkollha iktar minn ħoss wieħed; (iii) l-ebda ħoss ma għandu jinkiteb b'iżjed minn ittra waħda.[19] Prinċipji bħal dawn baqgħu ġejjin sal-grammatki ta' żmienna, għalkemm nistgħu nagħmlu distinzjoni bejn ħsejjes fonemiċi (distintivi) u ħsejjes allofoniċi (mhux distintivi) b'mod li l-prinċipji ta' Vassalli jkunu jeħtieġu tibdil sostanzjali.

Meta ġie għall-alfabett ta' din il-grammatka, Vassalli sejjaħlu 'alfabett fonografiku', mibni fuq il-prinċipju "ikteb kif tisma'", basta tkun tisma' l-ħsejjes distintivi u radikali.[20] Dan l-alfabett, imqabbel ma' dak tal-Għarbi u f'xi każijiet ma' dak Persjan, hu dan li ġej.

**L-Alfabett Fonografiku tal-Grammatica della Lingua Maltese**

| | Nome. | Figura. | Arabo. | | Nome. | Figura. | Arabo. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | A | A a | أ | 18 | Mim | M m | م |
| 2 | Ajn | Ո ո | ع | 19 | Nun | N n | ن |
| 3 | Be | B b | ب | 20 | O | O o | أُ |
| 4 | Cim | C c | *Pers.* چ | 21 | Pi | P p | *Pers.* پ |
| 5 | De | D d | د ذ ض ظ | 22 | Qof | Q q | ق |
| 6 | E | E e | (ِ) | 23 | Re | R r | ر |
| 7 | Fe | F f | ف | 24 | Se | S e | س ص |
| 8 | Gim | G g | ج | 25 | Scin | Щ щ | ش |
| 9 | He | H h | ه | 26 | Te | T t | ط ث ت |
| 10 | Hha | Ħ ħ | ح | 27 | U | U u | و |
| 11 | Khot | Ꜧ ɧ | خ | 28 | Uau | U υ | و |
| 12 | I | I ı | ي | 29 | Ve | V v | — |
| 13 | Ja | J j | يـ | 30 | Elif | Y y | ا |
| 14 | Ka | K k | ک | 31 | Zajn | Z z | ز |
| 15 | Gam | Ꞇ ꞇ | *Pers.* گ | 32 | Tsod | Ʒ ʒ | ض |
| 16 | Ckho | Ղ ղ | غ | 33 | Ae | Æ æ | ة ا و |
| 17 | Lam | L l | ل | | | | |

Il-fatt li Vassalli kien studja l-fonoloġija u ra x'kien l-aħjar li jikteb fis-sistema grafoloġika jidher ukoll minn nota li nsibu fil-kelmtejn qabel fejn qal li kien beħsiebu, fost ħwejjeġ oħra, jikteb taqsima oħra mal-grammatka tiegħu u fiha jqabbel il-'fonografija' tal-Malti ma' dik tal-Għarbi tas-sitt seklu tal-Ħeġira, li jiġi t-tnax-il seklu wara Kristu. Din ix-xewqa ma rnexxilux itemmha minħabba marda li ġietu għal għarrieda u l-biża' li jekk jibqa' jaħdem fuqha, minħabba xjuħitu, anqas ma kien jirnexxilu jippubblika l-grammatka li kienet tant meħtieġa.[21]

Fil-qofol tiegħu, l-alfabett tal-grammatka tal-Malti bit-Taljan hu l-istess bħal dak tal-grammatka bil-Latin. Minkejja li l-għadd ta' simboli kemm għall-vokali u kemm għall-konsonanti baqa' l-istess, inbidlet il-grafija ta' xi wħud minnhom biex ikun hemm iżjed sempliċità.[22]

Wara d-daħla dwar l-assjomi regoli ortografiċi u l-alfabett fonografiku, l-ewwel kapitlu fih erba' taqsimiet. L-ewwel waħda tittratta dwar il-vokali (a, e, i, o, u, y, li hu ħoss bejn l-i u l-e, u fl-aħħar ae) u taċċetta wkoll il-preżenza ta' e muta bħal fil-kelma 'raqqequhom' li għandha tinqara 'raqquhom';[23] it-tieni taqsima tiddeskrivi l-konsonanti Maltin li huma s-sitta u għoxrin ittra li hemm fl-alfabett ta' Vassalli; it-tielet taqsima tagħti tmien regoli ortografiċi, fosthom dik li għandek tagħmel suffiss biex tkun taf x'inhi l-aħħar konsonanti tal-kelma fil-każ ta' dubju;[24] fl-aħħarnett ir-raba' taqsima titkellem dwar il-ħsejjes jixxiebhu, bħal għ u rgħajn, ħ u kħ, k u q, â u ô, î u ie.[25]

It-tieni kapitlu jittratta dwar il-partiċelli korrelattivi, jiġifieri l-artiklu, is-senjakaż jew markatur tal-każijiet nominattiv, ġenittiv, dattiv, akkużattiv, vokattiv, ablattiv, il-pronom, il-prepożizzjoni, l-avverb, il-konġunzjoni u l-interjezzjoni jew esklamazzjoni. L-influwenza tal-grammatka Latina hi ċara ħafna hawnhekk. Hekk, ngħidu aħna, Vassalli jitkellem dwar id-deklinazzjoni fil-Malti u jagħti dan l-ewwel eżempju fost ħafna oħra:

**PRIMO ESEMPIO**

| | |
|---|---|
| Nom. | Alla, **Dio** |
| Gen. | t'Alla, **di Dio** |
| Dat. | 'l Alla, **a Dio** |
| Acc. | 'l Alla, **Iddio** |
| Voc. | jo Alla, **o Dio** |
| Abl. | mn'Alla, **da Dio**[26] |

It-tielet kapitlu jittratta dwar il-verb li jista' jkun jew **radikali** (illum ngħidulu **ewlieni**), jew **awmentat** (fi kliem ieħor 'imkabbar', jiġifieri dak li llum ngħidulu **mnissel**). It-tempijiet huma ħamsa: **passat,** eż. qagħad, **futur**, eż. joqgħod, **preżent**, eż. qiegħed, **imperfett**, eż. kien qiegħed jew kien joqgħod, **trapassat** jew **pjukeperfett**, eż. kien qagħad. Il-konsonanti tal-verbi huma maqsumin fi tnejn: (i) **konsonanti radikali** jew **tal-għerq**, u huma dawk li jidhru fil-verb radikali, it-tielet persuna, għadd singular, ġens maskil, fi żmien passat. e.g. **q–għ–d** fil-verb **qagħad**; u (ii) **konsonanti servili**, dawk li llum ngħidulhom konsonanti taż-żidiet morfoloġiċi, eż. **t** fil-verb **qagħdet**.[27] Barra minn dan, il-verbi jistgħu jkunu dissillabi jew monosillabi u dawn huma studjati għalihom. Ħafna mid-deskrizzjonijiet li nsibu taħt dan l-aspett issa jistgħu jitqiesu bħala antikwati żżejjed u neqsin minn sens xjentifiku. L-iktar interessanti huma dawk il-partijiet li fihom Vassalli studja l-vokalizzazzjoni tal-verbi fil-passat, futur u imperattiv.

Ir-raba' kapitlu jiddeskrivi n-nom, li jista' jkun: (i) isem **proprju**, eż. Malta, (ii) **nom komuni** jew **appellattiv**, eż. kewkba, jew (iii) **aġġettiv**, eż. sabiħ. In-nomi jistgħu jkunu wkoll jew (i) **nomi radikali**, jiġifieri **ewlieni**, eż. Alla, xemx, baħar, jew (ii) **nomi awmentali**, jiġifieri **mnisslin**, eż. bidwi, Għarbi, mixtla, ħâkem, magħmul. Fl-istess kapitlu nsibu kif nistgħu jitnisslu n-nomi bis-saħħa ta' **suffissi**, kif jinbnew permezz tal-prefiss **m** fil-każ tan-**nomi mimmati**, u kif isiru d-**diminuttivi**, l-**awmentattivi**, il-**komparattivi** u s-**superlattivi**. Taqsimiet oħra jitkellmu dwar il-ġens, il-plural, l-għadd imtenni u n-numri kardinali u ordinali.[29]

Hi ħaġa interessanti li Vassalli kien ġa ħaseb għall-kliem li ssellifna minn ilsna oħra, kliem li hu jsejjaħ **barbaru** fis-sens ta' barrani. Hekk fir-regoli 195–196 jgħidilna li n-nomi barbari meta jidħlu fil-Malti joqogħdu għal ħafna tibdil u meta jagħmlu l-plural jew jieħdu xi forma tal-kliem Malti (Semitiku), eż. **ċens** pl. **ċnus, sindku** pl. **sindkijiet**; jew jieħdu plural barrani, eż. **nutar** pl. **nutari, sinjur** pl. **sinjuri**.[30]

Ir-raba' kapitlu jitkellem dwar is-sintassi Maltija u juri x'relazzjoni hemm bejn il-partijiet tad-diskors bil-binja tagħhom, kif fil-fatt isiru l-affissi, u kif jiffunzjonaw ċerti frażijiet u espressjonijiet, bħall-kelma **għandu** fis-sens ta' verb. Fid-deskrizzjoni tal-binja tal-komparattivi, Vassalli ta wkoll xi forom li llum huma arkajċi, per eżempju, il-komparattiv li jsir bis-saħħa tal-partiċella. Hekk hu **ma**, bħal fl-eżempji li ġejjin:

| | |
|---|---|
| M'akbru dan, u m'esbħu | **Quanto è grande questo, e quanto è bello** |
| Mulejja, m'akbrek! u | **Mio Signor Iddio, quanto sei** |
| min huwa l-maħluq li | **grande! e chi è la creatura** |
| jista' jilħaq jagħraf | **che possa giungere a comprendere** |
| x'int? | **cosa sei tu?** |
| M'aqallu! | **Quanto è fiero!**[31] |

**Studji Lessikali**

L-istudju dwar il-lessiku Malti nsibuh l-aktar fil-*Lexicon* u fil-*Motti, Aforismi e Proverbi Maltesi*. Bihom Vassalli fetaħ it-triq għal ġbir ġenerali ta' dizzjunarji xjentifiċi kemm għal dak li hu vokabularju ta' bixra ġenerali, u kemm għal dizzjunarju xieraq tal-proverbji. Fil-fatt kien hemm ħafna studjużi Maltin u barranin li direttament jew indirettament imxew fuq il-*Lexicon* u fuq il-*Motti* tiegħu.

**Ktyb Yl Klym Malti 'Mfysser Byt-Latin u Byt-Taljan Sive Liber Dictionum Melitensium Hoc Est Michaelis Antonii Vassalli Lexicon, Ruma, 1796**

Il-*Lexicon* ta' Vassalli għandu wkoll sottotitlu bit-Taljan: "Vocabolario Maltese recato nelle Lingue Latina e Italiana", b'nota miżjuda li tgħid li d-dizzjunarju għandu daħla fil-bidu, u li warajh kellu jkun hemm Appendiċi Etimoloġika u Komparattiva u żewġ Indiċijiet, wieħed Latin u l-ieħor Taljan bin-numri li jikkorrispondu mal-kliem Malti. Nafu, madankollu, li s-suppliment li kellu jħaddan fih l-Appendiċi Etimoloġika u l-Indiċijiet baqa' ma ħariġx, u li x'aktarx intilef wara l-mewt ta' Vassalli.

Id-dizzjunarju ta' Vassalli għandu tliet taqsimiet ewlenin: (i) Sejħa lin-Nazzjon Malti, (ii) Diskors Preliminari, u (iii) id-Dizzjunarju Malti – Latin – Taljan li jinfirex fuq 682 kolonna fi 341 paġna. Billi kull taqsima minn dawn għandha l-importanza tagħha, jixraq li ngħidu xi ħaġa fuq kull waħda f'paragrafi għalihom.

**"Alla Nazione Maltese" jew "Kelmtejn Qabel" tal-Lexicon**

Vassalli jibda l-Kelmtejn Qabel tiegħu bit-titlu "Alla Nazione Maltese" għaliex hu ried li jiddedika d-dizzjunarju tiegħu lin-Nazzjon Malti li hu l-awtur veru tal-parti prinċipali ta' dan ix-xogħol.

Fit-tieni paragrafu tal-Kelmtejn Qabel, Vassalli jgħid li biex temm dan ix-xogħol ħela l-aħjar snin ta' ħajtu, u għalhekk jitlob li ma jkunx kritikat bl-addoċċ billi kien jaf li xi wħud jaqbdu u jmaqdru l-kotba hekk kif jaraw il-frontispizju tal-ktieb. Hu jsemmi wkoll il-kritika mhix f'postha li kien qala' meta ħareġ il-grammatka ta' l-1791, u qal li hu ma kienx lest iwieġeb sakemm ma jarax bil-kitba oġġezzjonijiet ġodda mibnija fuq ir-raġuni.

Vassalli jitkellem ukoll kontra dawk li kienu jgħidu li l-ilsien Malti ma kien jiswa għal xejn. Hu kien jistenna li, la darba ppreżenta l-fatt li l-Malti kien ta' siwi kbir għall-kultura tagħna, kull min hu għaqli u ġust ma kellux jagħmel ħaġ'oħra jekk mhux ifittex il-verità billi ma jikkritikax jekk mhux biex jiżviluppa dan l-ilsien u jagħtih aspett iktar ċar.

Biex ma jiġrilux li jniżżel tifsir jew ideat żbaljati, Vassalli jgħid li hu għamel eżami fit-tul tal-materjal li kellu f'idejh. B'dan il-mod evita li jimxi fuq l-ewwel impressjonijiet, u rnexxielu wkoll jiġbor kliem rari u magħruf ftit.

Fl-aħħarnett Vassalli jgħid li kien jistenna li l-Maltin sħabu jilqgħu bil-qalb dan ix-xogħol tiegħu u li jkun jogħġobhom biex hekk ikun mhux biss ta' siwi għar-Repubblika tal-għorrief, imma wkoll għall-Maltin ta' żmienu, għat-tfal tagħhom u dawk li jiġu wara.

**"Discorso Preliminare" jew "Daħla" tal-Lexicon**

Fid-daħla tiegħu għad-dizzjunarju, Vassalli jgħid li sa mill-bidu kien ħass li kellu jistudja l-aspetti kollha tal-Malti, inkluża l-istruttura tiegħu. Minħabba f'hekk studja l-Għarbi, u dan it-tagħlim swielu biex wasal ħalli jagħraf li l-qofol tal-Malti hu għal kollox Orjentali. Imma billi ra differenza kbira bejn il-Malti u l-Għarbi, Vassalli qabad u tgħallem ilsna oħra Orjentali li huma qrib il-Malti. Hekk seta' jeżamina iktar bil-ħeffa il-kostruzzjoni naturali ta' lsienna kif kien fi żmienu, kif ukoll jitkellem dwar in-nisel tal-Malti.[33]



Vassalli qal li, kif temm l-istudji lingwistiċi tiegħu fl-oqsma tal-Għarbi u ta' ilsna oħra Orjentali, ippubblika Alfabett u Grammatka tal-Malti miktuba bil-Latin. Semma wkoll li fid-daħla storika ta' dik il-grammatka kien wiegħed li jippubblika dizzjunarju Malti. Fil-fatt il-materjal kien ġa għandu meta għamel din il-wegħda, imma kien jonqsu li jerġa' jiġi Malta minn Ruma biex idur mill-ġdid, kif fil-fatt għamel, l-irħula u l-ibliet ta' Malta u Għawdex, u jistaqsi lill-Maltin u lill-Għawdxin dwar il-lessiku tagħna.[34]

Dwar il-ħidma etimoloġika tiegħu, Vassalli qal li rnexxielu wkoll isib il-kliem Malti fl-ilsna Orjentali qrib tiegħu. B'hekk reġa' sab l-etmoloġija mitlufa, billi kellu lista twila ta' kważi l-vokabolarju kollu qadim li kien għadu jintuża fi żmienu. Dan ix-xogħol etimoloġiku kellu jidher fl-Appendiċi Etimoloġika li ntilfet, u li kellha turi x'rabta hemm bejn il-Malti u l-ilsna Orjentali, billi kollox kien imqabbel u msaħħaħ b'eżempji, l-iktar bi kliem ta' forma mhux imnissla kemm mill-Malti u kemm mill-ilsna l-oħra. Vassalli nnota li l-vokabolarju ġie li kien jaqbel biss fil-ħoss, ġie li jaqbel fit-tifsira, u ġie li jaqbel kemm fil-ħoss u kemm fit-tifsira. L-għadd tal-kliem li kien jaqbel kemm fil-ħoss u kemm fit-tifsira kien wisq akbar minn dak li kien jaqbel jew fonoloġikament jew semantikament biss.

It-taqsimiet ewlenin tad-"Discorso Preliminare" huma disgħa: (i) "Delle origini, e varie vicende della Lingua Maltese"; (ii) "Dello stato presente della Lingua Maltese"; (iii) "Della necessità di coltivare la Lingua Maltese"; (iv) "Del modo e metodo di coltivare la Lingua Maltese"; (v) "Delle Lettere e del nouvo Alfabeto Maltese"; (vi) "Delle Nuove Lettere Aggiunte nel Maltese"; (vii) "Della Gramatica Maltese"; (viii) "Del Presente Dizionario Maltese"; (ix) "Progetto".[35] Kull taqsima narawha għaliha fil-kummenti li ġejjin.

(i)**"Delle origini, e varie vicende della Lingua Maltese"**

Vassalli jgħid li hu ħass li kien xieraq li jagħmel it-tiftix meħtieġ biex isib kif il-Malti wasal sa għandna u x'kien tassew in-nisel tiegħu. Tiftix bħal dan iqajjem mhux biss il-kurżità tal-istudjużi, imma wkoll ħafna diffikultajiet minħabba s-sekli mbiegħda li ma jingħaddux u li fihom l-ilsien ta' Malta għadda minn ħafna żviluppi li llum ma nistgħux niddeskrivuhom. Minħabba f'hekk Vassalli jgħid li hu studja l-vokabolarju kelma kelma skond il-kritika ġusta ta' żmienu u qabblu mal-kliem korrispondenti fl-ilsna Orjentali qodma. Dan ix-xogħol jgħid li kellu jidher fl-Appendiċi Etimoloġika.

L-istorja tal-ilsien hi marbuta mill-qrib mal-istorja tan-nies li jitkellmuh. Għalhekk, biex nitkellmu dwar l-ilsien Malti jkollna mmorru fi żminijiet imbiegħda u mdallma. L-elementi ewlenin tal-Malti żgur li kienu msawra mill-ewwel nies ġew Malta, imma li aħna ma nafux min huma, għalkemm Omeru jsejħilhom Feaċi, u Tuċidide Ċiklopi,[36] u għalhekk anqas ma nafu x'kien l-ilsien tagħhom. Għandna nistennew, madandollu, li minn dak l-ilsien għad baqgħalna xi kliem bħala fdal. Din l-ipotesi Vassalli bnieha fuq il-fatt li xi kliem qadim ma setax isib l-etimoloġija tiegħu fl-ilsna Orjentali.[37] Anqas ma għandna naħsbu li ż-żmien difen darba għal dejjem il-kliem kollu ta' dak l-ilsien qadim. Vassalli jkompli jargumenta li dan ma setax

jiġri għaliex meta ġew it-tieni nies, huma sabu hawn l-ewwel nies ta' Malta bħala indiġeni u għalhekk l-ilsna taż-żewġ razez tħalltu b'mod li xi ħaġa minn tat-tnejn ġiet ikkonservata. Dan kien l-ewwel taħlit lingwistiku.

Vassalli jgħid li t-tieni nies li ġew Malta kienu ċerti popli mill-Kananea li għal ħafna raġunijiet xterdu mil-Lvant għall-Punent. Hu jfaħħar lill-Feniċi għall-ġenju tagħhom talli ħolqu s-simboli li jirrappreżentaw il-kliem u hekk waqqfu l-alfabett, u talli sabu l-mezz kif setgħu jbaħħru u għal dan inqdew ukoll bl-astronomija. In-navigazzjoni għenet lil dawn in-nies fin-negozju tagħhom hekk li xterdu f'ħafna nħawi fl-Afrika u wara fl-Ewropa. Wara li kellhom progress kbir fis-sengħa tat-tbaħħir, il-Feniċi bdew jitbiegħdu mix-xtajta u hekk sabu ruħhom fil-gżejjer tal-Mediterran li bdew iservuhom bħala emporji għall-kummerċ tagħhom. B'dan il-mod huma ġew ukoll Malta u mhux biss bidluha f'pajjiż kummerċjanti, imma wkoll tawha l-kultura tagħhom u nfluwenzawha xejn inqas bil-lingwa tagħhom.

Wara l-miġja tal-Feniċi f'Malta, l-ilsien tal-indiġeni beda jitħallat ma' dak tal-Feniċi, u hekk tnisslet lingwa ġdida, li Vassalli sejħilha: "la vernacula di quell'epoca".[38] Skond Vassalli din il-lingwa indiġena – Feniċja qatt ma setgħet tinqered għal kollox, u dan għaliex ir-razza mħallta ta' Maltin indiġeni u ta' Feniċi baqgħet dejjem nieżla lejna u żammet l-istess ilsien. Għalkemm aktar tard ġew f'Malta ħafna nazzjonijiet, dawn ma rnexxilhomx jibdlu għal kollox l-ilsien lokali minħabba li l-ilsien tagħhom kien differenti ħafna. Hu minħabba f'hekk li l-Grieg ta' żmien il-Griegi f'Malta ma nfluwenzax l-ilsien lokali, u għalkemm insibu xi influwenzi Griegi fil-Malti tal-lum, dawn kollha ġew fi żmien tardiv.

L-ilsien Feniċju li ġie Malta kien qrib ħafna l-ilsien Kaldajk minn fejn tnissel. Kien ukoll qrib il-Lhudi, u jista' jitqies bħala ħuh. Il-Malti modern, għalkemm hu differenti ħafna, għad għandu ħafna kliem Feniċju kif kellu jidher fl-Appendiċi Etimoloġika.

Minħabba l-kultura u l-kummerċ tagħha, Malta ġibdet l-attenzjoni tal-Feniċi tal-Afrika, jiġifieri l-Puniċi, li kienu s-suċċessuri tal-Feniċi li kienu okkupaw l-Afrika ta' Fuq qabel ma Feniċi oħrajn okkupaw lil Malta. Billi bejn il-Feniċi tal-Afrika ta' Fuq u dawk ta' Malta ma kienx hemm differenza jekk mhux dik taż-żmien ta' meta nfirdu minn xulxin, u tal-influwenzi li kellhom mill-pajjiż il-ġdid li okkupaw, ġara li l-Puniku ma ħassarx l-ilsien indiġenu – Feniċju ta' Malta. Kulma għamel kien li għenu biex seta' jistagħna aktar fil-vokabolarju tiegħu, l-aktar fil-qasam tat-tbaħħir, tal-kummerċ u tal-kultura.

Ir-Rumani, wara ħafna gwerer mal-Kartaġiniżi jew Puniċi tal-Afrika ta' Fuq irnexxielhom jirbħu mhux biss Kartaġni u artijiet oħra Afrikani, imma wkoll Malta. Madankollu huma ma kellhomx influwenza fuq l-ilsien indiġenu – Feniċju – Puniku ta' Malta, billi kienu ħsiebhom fit-tifrix tal-imperu u mhux fit-tibdil tar-riti, tar-reliġjonijiet, tal-lingwi u tad-drawwiet lokali l-oħra.

Fis-seklu tmienja wara Kristu, Malta waqgħet f'idejn l-Għarab. Kien f'dan iż-żmien li l-ilsien lokali indiġenu – Feniċju – Puniku ta' Malta beda jitħassar billi jitħallat mal-Għarbi. It-tibdil lingwistiku seta' jiġri din id-darba għaliex iż-żewġ ilsna kienu



mnissla mill-Kaldajk. Kien hemm fattur ieħor importanti, u dan hu ż-żmien twil li l-Għarab damu hawn. Forsi wieħed kien jistenna li l-Għarbi kellu jeqred għal kollox l-ilsien lokali, imma l-fatti juru li għad għandna fil-Malti xi forom morfoloġiċi u kliem ta' nisel Orjentali li ma humiex Għarbin. B'hekk il-Malti tal-lum għad għandu l-karattru ewlieni tiegħu.

Wara l-Għarab ġew Malta ħafna ħakmiet Ewropej. Dawn kienu l-kawża li fil-Malti daħlu ħafna barbariżmi jew kliem missellef mill-ilsna tal-Ewropa. Madankollu n-nies ta' Malta u ta' Għawdex baqgħu jgħaddu minn missier għal iben l-ilsien nazzjonali sa ma wasal fi żmienna, u minħabba f'hekk il-Malti hu ta' min iqisu bħala monument l-iżjed rari u l-iżjed qadim u li jistħoqqlu l-attenzjoni tal-letterati.

(ii) **"Dello stato presente della Lingua Maltese"**

Il-Malti tal-lum hu tassew differenti mill-Għarbi kemm f'ħafna mill-kliem tiegħu, u kemm fl-inflessjonijiet jew forom morfoloġiċi. Min-naħa l-oħra ma nistgħux ngħidu li l-Malti hu Puniku, kif iridu jgħidu xi wħud, mhux biss għaliex m'għandniex dokumenti biżżejjed tal-ilsien Puniku biex inkunu nistgħu nqabbluh miegħu, imma wkoll għaliex l-Għarab imlewh b'ħafna arabiżmi li ma jħalluniex ngħidu jekk fin-nisel kellniex elementi Puniċi, jew jekk kinux Għarbin. Żgur li l-Malti tal-lum fih ħafna vokabolarju ta' nisel Kaldajk, Samaritan, Lhudi, u bla dubju Feniċju kif kellu jidher fl-Appendiċi Etimoloġika. Hu minnu li daħal xi vokabolarju Ewropew f'ilsienna, imma hu fatt ukoll li l-Malti tal-lum hu lsien għalih, mitkellem biss ġo Malta u Għawdex, u għalhekk għandu jissejjaħ ilsien Malti.

Imma billi f'Malta u Għawdex hawn ħafna djaletti u dawn jista' jkollhom influwenzi differenti minn ilsna barranin, hemm bżonn li nistudjawhom ukoll. B'dan il-mod inkunu nistgħu nidħlu iktar fil-fond fit-tiftix tagħna fl-ilsien Malti ta' żmienna.[39]

(iii) **"Della necessità di coltivare la Lingua Maltese"**

L-ilsna ħajjin anki dawk li huma inqas magħrufa u limitati, għandhom ikunu studjati u kultivati. Fl-Italja, per eżempju, anki d-djaletti jinkitbu u huma studjati. Hekk hemm il-kitba tan-Naplitan, tal-Kalabriż, tal-Bolonjiż, tal-Venezjan, tas-Sardinjan u tal-Isqalli. Anzi l-poeżija tagħhom tant hi prominenti li tgħaġġeb lil min jaqraha. L-istess għandu jsir għall-Malti.

Il-kultura tal-lingwa materna hi meħtieġa qabel xejn għall-edukazzjoni. Din hi l-oġġett ewlieni li għandu jfittex li jikseb in-nazzjon għaliex mill-edukazzjoni jiddependi l-ġid komuni tal-poplu. Biex bniedem ikun membru xieraq tas-soċjetà u ta' pajjiżu jrid ikollu morali tajba, tagħlim sod tar-reliġjon, rieda sħiħa li joqgħod għal-liġi, li jħobb lil għajru u li jħares l-ordni u l-interess pubbliku. Irid ukoll jaħrab mill-iżbalji u mill-qerq, u jagħmel lilu nnifsu bniedem li jixraqlu jkun wild ir-repubblika, u jġib ruħu ta' bniedem ċivilizzat u ċittadin tajjeb. Dan ma jistax iseħħ, madankollu, jekk il-lingwa materna ma tkunx studjata u mħaddma sewwa.[40]

(iv) **"Del modo e metodo di coltivare la Lingua Maltese"**

Ma hemm l-ebda lsien u l-ebda djalett li ma joqgħodx għar-regoli. Imma biex ikunu veri u reali jridu jkunu msawra skond in-natura tal-istess ilsien. Għalkemm il-Malti jiġi mill-ilsna Orjentali, jiġifieri l-Aramajk, is-Samaritan, is-Sirjak, l-Għarbi, l-Etjopiku u oħrajn tal-istess natura, ma jaqbilx dejjem magħhom, u għalhekk jitlob regoli għalih.

L-ewwel ħaġa meħtieġa għall-Malti hi t-twaqqif ta' ortografija li tiddeskrivi perfettament l-element jew il-ħsejjes tal-istess ilsien. Il-kitba hi taħdit mejjet, imma dan iqum bil-qari. Minn dan isegwi li kull element jew kull ħoss irid ikun imfisser u miktub b'ittra jew b'simbolu wieħed. Dwar dan Vassalli jgħid li hu mexa fuq il-prinċipji ta' Marku Fabriju Kwintiljanu (c 35–95 W.K.), li kien rettoriku kbir Ruman, awtur ta' *De Istitutione Oratoria*, u li b'hekk kellu x-xorti li jwaqqaf ortografija perfetta li ma taċċetta l-ebda eċċezzjoni.[41]

(v) **"Delle Lettere e del nuovo Alfabeto Maltese"**

Vassalli jerġa' jagħti ħafna mit-tagħrif li kien ta fil-grammatka tiegħu tal-1791 dwar ir-regoli ortografiċi li kien waqqaf u dwar l-alfabett li kien daħħal f'dik il-grammatka. Hu għamel distinzjoni bejn il-konsonanti u l-vokali, bejn vokali qasira u vokali twila, u bejn aċċent saqqâf (ċircumfless) jew imħallat u aċċent waqqâf (ċirkumfless maqlub) jew safi. Jidher li Vassalli kien jinqeda bis-saqqâf fil-każ ta' vokali dittongalizzata, u bil-waqqâf fil-każ ta' vokali twila. Fid-deskrizzjoni ta' din id-distinzjoni xejn ma kien ċar, u inqas jidher li kien tassew xjentifiku. Hekk, per eżempju, hu kien iqis id-dittong **ie** bħala vokali waħda, imma mħallta, jiġifieri mhix vokali ċara. Għalhekk kien jiktibha bis-simbolu **y**, bħal fi **bnydem**, u qal li kienet qisha tinstema bniedem, bl-aċċent fuq il-vokali **e**. Kemm kien żbaljat Vassalli dwar dan nistgħu ngħiduh għaliex f'esperiment li għamilt bl-ispektrograf fl-Università ta' Reading, l-Ingilterra, sibt li l-ispektrogramm li rriżulta għall-kelma **kien** wera biċċar li l-ħoss **ie** hu dittong għaliex il-formanti taż-żewġ vokali ma baqgħux paralleli bejn fuq u isfel, u li approssimattivament żewġ terzi tat-tul ta' dan id-dittong hu fuq il-vokali **i**, u terz biss tat-tul hu fuq il-vokali **e** ċentralizzata u mbaxxija. Għalhekk l-istress qiegħed iżjed fuq l-**i** milli fuq l-**e**, bil-maqlub ta' li qal Vassalli. Ta' min iżid li kelli riżultat bħal dan kemm dwar il-formanti li jitilgħu jew jinżlu fuq it-tieni element dittongali, u kemm dwar it-tul tal-ħin, meta eżaminajt dittongi oħra Maltin. Vassalli, madankollu, ma kellux dawn l-istrumenti għad-dispożizzjoni tiegħu. Hu mexa l-aktar fuq il-fonetika tal-Għarbi Medjevali, li ma setgħetx tgħinu wisq fil-każ tal-ħoss tagħna **ie**.[42]

(vi) **"Delle Nuove Lettere Aggiunte nel Maltese"**

Kif jidher mill-alfabett tal-grammatka ta' Vassalli tal-1791, mhux l-ittri kollha jinsabu fl-alfabett Latin. Minħabba f'hekk, Vassalli ġabar is-simboli li kienu miktubin b'simboli speċjali, u ttrattahom għalihom. L-ispeċjalità ta' dawn is-simboli ħolqot diffikultà biex l-alfabett ta' Vassalli jkun aċċettat. Hu fatt li kien alfabett sostanzjalment xjentifiku u li bih twaqqfet ortografija tajba, imma t-toqol ta' dawn is-simboli żamm lil ħafna nies milli jitgħallmuhom hekk li Vassalli stess sawwar alfabett ieħor għat-tieni grammatka tiegħu, li hu kien wiegħed fl-1792 fil-manifest tal-*Lexicon*.

Vassalli tkellem ukoll dwar il-punteġġatura, l-aċċenti u sinjali oħra dijakritiċi li, madankollu ma kellhomx il-kruha u d-diffikultà tal-konsonanti l-ġodda li daħħal fl-alfabett tiegħu.[43]

(vii) **"Della Gramatica Maltese"**

Billi l-Malti hu differenti kemm mill-ilsna Orjentali u kemm mill-ilsna Ewropej, Vassalli ħaseb biex waqqaf il-grammatka skond ma ħaseb li kien l-aħjar għaliha bla ma ntrabat u la ma' dik tal-ilsna Orjentali u anqas ma' dik tal-ilsna Ewropej.



Hekk, per eżempju, hu qal li l-parti tad-diskors huma erbgħa: in-nom, il-pronom, il-verb u l-partiċella. Il-partiċella tħaddan fiha l-avverb, il-prepożizzjoni, il-konġunzjoni u l-interjezzjoni.[44] Vassalli, madankollu, kien influwenzat ukoll mill-grammatka Latina u b'hekk, per eżempju, daħħal id-deklinazzjoni fil-Malti.

(viii) **"Del Presente Dizionario Maltese"**

L-għan tad-dizzjunarju hu li jiddeskrivi b'ordni alfabetika l-kliem kollu tal-ilsien billi jingħata t-tifsir kollu li kull kelma jista' jkollha waqt li ssir distinzjoni bejn it-tifsir ewlieni u proprju u dak sekondarju u figurat. Biex iħaffef ix-xogħol tiegħu u jagħmilha ħaġa ħafifa biex idaħħal kliem u tifsir ġdid waqt il-kompilazzjoni tad-dizzjunarju tiegħu, Vassalli nqeda bis-sistema tal-kartonċini. Mhux b'daqshekk ix-xogħol sar ħafif, imma żgur li kien iżjed tekniku minn dak tal-Kanonku Ġ.P.F. Agius de Soldanis li daħħal il-kliem tiegħu fuq karti twal u wara żied bejn il-linji u fil-marġini, u fl-aħħar reġa' kkopja kollox mill-ġdid.

Biex jinġabar il-lessiku tiegħu, Vassalli kellu jitħabat mhux ftit. Imma billi l-Malti kien l-ilsien tiegħu hu seta' jibda jikteb dak li kien jiftakar u mbagħad iżid dak li ġabar minn fomm il-poplu wara li għamel tiftix apposta ma' Malta u Għawdex. Fil-fatt jidher li x-xogħol tal-bidu għamlu meta kien Ruma billi qabad dizzjunarji Latini u Taljani u ta t-tifsir tal-kliem li kien jaf bil-Malti.[45]

Vassalli kellu jistaqsi lin-nies imdaħħla fl-agrikoltura, fil-botanika, fl-insiġ u fi snajja' jew fi xjenzi oħra mhux biss f'Malta, imma wkoll fl-Italja, u wara kien iqabbel dak li jsib mad-dizzjunarji Taljani u Latini. Din kienet għalih biċċa xogħol li bil-fors kellha tkiddu, għaliex minn madwar tmintax – il elf kelma li fih il-*Lexicon*, ftit kellu kliem li ma setax jagħtih tifsira. Meta ġara dan u ma kienx ċert dwar it-tifsira, kiteb il-kliem **Desideratur significatio**, bħal fil-każ tal-kelma **Qomqàm** (*Lexicon*, kol. 423 g/i).

Billi Vassalli ried li jagħżel kemm jista' jkun b'mod eżatt l-ewwel tifsira tal-kelma minn tifsiriet oħra li jiġu wara, hu nqeda ta' spiss b'dizzjunarji ta' ilsna Orjentali. Is-sens oriġinali hu preċedut bl-ittri pp., jiġifieri proprjament, fil-waqt li t-tifsiriet l-oħra huma enumerati gradatament bin-numri II, III, IV, V, VI. Meta mbagħad Vassalli ta l-etimoloġija fl-Appendiċi tiegħu, wara t-tifsiriet niżżel it-taqsiriet **Vid. App. Etym.**, jew oħrajn bħalhom, biex il-qarrej ikun jaf li għandu jara l-Appendiċi Etimoloġika.

Vassalli kien tal-idea li ladarba l-Malti kellu l-ortografija, il-grammatka u d-dizzjunarju tiegħu, kien jeħtieġ li wieħed jibda jikteb xogħlijiet oriġinali u mhux jaqleb servilment minn ilsna moderni. Imma jekk wieħed iħoss il-ħtieġa ta' traduzzjonijiet għall-Malti, jaqbel iżjed li jinqalbu kotba miktuba oriġinalment bl-ilsna Orjentali. Il-poeżija Maltija għandha wkoll tikber għaliex tgħin lill-kultura tagħna.

(ix) **"Progetto"**

Billi Vassalli kien waqqaf is-sisien tal-Malti fl-ortografija, il-grammatka u d-dizzjunarju tiegħu, hu ħass li kellu jidħol fl-iskejjel tagħna metodu differenti minn dawk ta' qabel ma kien hawn dawn il-faċilitajiet. Bħal nazzjonijiet oħra ta' kultura kbira, it-tagħlim tagħna kellu jibda jsir b'ilsienna. Hu minnu li kull bidu hu tqil, imma t-tqil ikun megħlub. Li kien jonqos issa kien it-twettiq tal-metodu.

Fil-programm għall-edukazzjoni għal kulħadd Vassalli ħaqqaqha li għandu jkun hemm skejjel pubbliċi ma' Malta u Għawdex u li f'dawn it-tfal kellhom jitgħallmu qabel xejn kif jaqraw u jiktbu bil-Malti. Kellhom jitgħallmu wkoll l-Aritmetika, u suġġetti oħra, u l-iktar it-tagħlim nisrani, u kif jagħmlu l-irċevuti u kif jiktbu l-ittri. B'dan il-mod it-tfal ma jkunux jaħlu ż-żmien prezzjuż ta' tfulithom, billi kienu jkunu jistgħu wkoll jitgħallmu ilsna barranin meħtieġa għall-kummerċ jew inkella jkomplu l-istudji fix-xjenzi.[46]

### "Lexicon Melitensis – Latino – Italum"

It-tielet taqsima tal-*Lexicon* ta' Vassalli hu d-dizzjunarju nnifsu li għalhekk jifforma l-parti ewlenija ta' dan ix-xogħol. Hu miktub b'ordni alfabetika mogħtija minn Vassalli fid-Diskors Preliminari tiegħu, p. XXXV, u b'dan il-mod hu differenti minn dawk li ġew aktar tard. L-ordni hi din: A, B, T, D, E, F, Ġ, Ċ, H, KĦ, Ħ, Y, G, RGĦAJN, GĦ, I, J, K, Q, L, M, N, O, P, R, S, X, W, U, V, Ż, Z, AE. B'dan il-mod wieħed irid jagħmel ftit attenzjoni biex isib il-kliem li jrid fid-dizzjunarju.[47]

### Motti, Aforismi e Proverbi Maltesi, Malta, 1828

Wara li Vassalli kien waqqaf l-ortografija u l-grammatka tal-Malti, u wara li ħareġ id-dizzjunarju tiegħu, jidher li ma waqafx mill-ħidma tiegħu lingwistika hekk li fi xjuħitu, bil-għajnuna ta' John Hookham Frere seta' jippubblika l-proverbji Maltin li hu kien ġabar. Vassalli stess jgħidilna li kien beda jiġbor dawn il-proverbji sa minn madwar is-sena 1783 meta kien beda jaħseb kif seta' jikkoltiva l-ilsien Malti.[48] Xi wħud minn dawn il-proverbji hu kien daħħalhom fil-*Lexicon* tiegħu meta setgħu jgħinu biex jagħtu xi tifsira ġdida jew differenti.

Il-proverbji Maltin huma mogħtija f'ordni alfabetika u huma lkoll maqlubin għat-Taljan. Dawk li baqgħu ma jiftehmux bi traduzzjoni litterali, iġibu wkoll tifsira tas-sens skond l-użu tagħhom. Barra minn dan, xi proverbji huma msaħħin bl-istorja tagħhom, u kultant b'noti grammatikali u filoloġiċi. Xi proverbji, fl-aħħarnett, għandhom ukoll il-korrispondenti tagħhom bil-Għarbi. Ta' min iżid li tnax – il proverbju biss minn 863 li hemm f'dan il-ktieb għandhom l-ekwivalenza fl-ilsien Għarbi Klassiku jew Djalettali.

### Xogħlijiet Letterarji

Vassalli ta wkoll xi kontributi letterarji. Hu minnu li Vassalli hu l-bniedem kbir kif nafuh aħna mhux għal dawn ix-xogħlijiet, imma xorta waħda ma nistgħux inwarrbu għal kollox minn quddiem għajnejna l-isforz li għamel f'dan is-sens. Jeħtieġ li ninnutaw, madankollu, li fil-waqt li x-xogħlijiet lingwistiċi għamilhom minn rajh għax ħass il-ħtieġa tagħhom għall-fejda tal-Malti, hu ndaħal għax-xogħlijiet ta' bixra letterarja iktar minħabba l-okkażjoni. Hekk, per eżempju, it-traduzzjonijiet mit-Testment il-Ġdid għamilhom għax kien imqabbad jagħmel dak il-qlib u fl-istess ħin għen ftit ruħu finanzjarjament.



### Xogħlijiet ta' Traduzzjoni

Vassalli ħadem ukoll fil-qasam tat-traduzzjoni. Hekk hu qaleb tliet epitaffji mill-Għarbi Kufiku għal-Latin (1793) meta kien għaddej minn Palermu, u wara qaleb mil-Latin għall-Malti l-Erba' Vanġeli u l-Atti ta' l-Appostli (1829). Traduzzjoni oħra li għamel kienet dik tal-istorja tas-Sultan Ċiru (1831).

### Tria Monumenta Lapidea Sepulcralia, Ruma, 1793.

F'Awissu tas-sena 1792, Vassalli kien għaddej minn Palermu fejn ra ħafna skrizzjonijiet kufiċi. Fost dawn kien hemm tliet lapidi tal-oqbra Għarab li kienu għadhom kemm instabu, u kienu miktuba b'ittri sbieħ karamatiċi. Fil-*Lexicon* tiegħu, Vassalli jgħid li dawn kienu waħda magħmula fis-sena 531 tal-Heġira (=1136 W.K.), oħra fis-sena 467 (=1074 W.K.), u t-tielet fis-sena 517 (=1123 W.K.).[49] Hu studja dawn l-iskrizzjonijiet kufiċi, jew b'ittri tal-Għarbi qadim, ittraskriviehom bl-ittri neski tal-Għarbi modern u qalibhom għal-Latin. Wara stampahom fl-1793 għand Antonio Fulgoni fi ktejjeb ċkejken ta' tmien faċċati li jġib dan it-titlu twil: *"Tria Monumenta Lapidea Sepuralia Kufico – Arabico – Sicula Characteribus Kufico – Arabicis utrinque insculpta Panormi in domo D.ni Antonini Magnasco Septembris superioris an. MDCCCXCII inventa et in publicam Excellentissimi Senatus Panoramitani Bibliotecam Translata Descripsit in hodiernum characterum Arabicum Neski vulgo dictum Reddidit et Interpretatus est Michaël Antonius Vassalli Meliten OR. LL. Prof."*.

Kif jidher mit-titlu, Vassalli sejjaħ lilu nifsu "Professur tal-Ilsna Orjentali", u x'aktarx li kien jgħallem l-Għarbi meta kien Ruma. Żgur, madankollu, li hu kellu taħriġ kbir mhux biss fl-Għarbi Klassiku u Djalettali, imma wkoll fl-Għarbi tal-iskrizzjonijiet sepulkrali b'kitba Kufika. Fil-fatt hu jsemmi fost ħwejjeġ oħra li fi żmienu waslu biex iddeċifraw għal kollox l-Għarbi Kufiku. Il-Kardinal Stefano Borgia kien l-ewwel wieħed li ta spinta u mexxa 'l quddiem dan il-għerf, minħabba li fil-Mużew Borġjan ta' Velletri kellu kollezzjoni rari ta' flus u ta' monumenti Kufiċi li xi wħud minnhom kienu pubblikati minn Adler u Assemani. Vassalli jgħid li dawn l-iskrizzjonijiet Kufiċi kienu mfissra bil-għaqal kollu hekk li l-qari tal-alfabett Kufiku kien għal kollox stabbilit b'mod ċar.[50] Jidher li għalhekk l-istess Vassalli wasal biex jagħmel it-traduzzjonijiet tat-tliet lapidi sepulkrali ta' Palermu.

### Quatuor Evangelia, et Actus Apostolorum, Londra, 1829

Vassalli miet fit-12 ta' Jannar 1829 meta l-Erba' Vanġeli u l-Atti tal-Appostli kienu għadhom ma ħarġux. Meta mbagħad ħarġu, aktar tard fl-istess sena, bl-isem *Quatuor Evangelia, et Actus Apostolorum, juxta Vulgatam, Romae A.D. M.D.XCII. Editam: necnon eorundem Versio Melitensis*, R. Watts, Londra, 1829, isem Mikiel Anton Vassalli baqa' ma deherx fil-frontispizju. Madankollu hemm dokumenti biżżejjed biex ngħidu li t-traduzzjoni hi tiegħu.

Ix-xogħol tat-traduzzjoni tal-Vanġelu kien ħadlu minn Jannar 1823, meta qabbdu jagħmel il-qlib għall-Malti r-Reverendu William Jowett, direttur Anglikan tal-għaqda **Church Missionary Society**, sa Awissu 1828 meta beda jaqleb l-Atti u temmhom

f'Jannar 1829 ftit qabel ma miet. Ix-xogħol kollu kien stampat fi ktieb wieħed u kien ippubblikat xhur wara l-mewt tat-traduttur.

Kif juri t-titlu tal-ktieb, il-Vanġelu u l-Atti kienu mogħtija kemm bil-Latin tal-Vulgata u kemm bit-traduzzjoni Maltija. Jidher ukoll li t-traduzzjoni tiegħu Vassalli għamilha mill-istess test Latin b'mod li fejn il-Protestanti jużaw verżjoni u l-Vulgata tuża oħra, il-verżjoni Maltija torbot ma' dik Kattolika.

Fit-traduzzjoni tat-testi Bibliċi, Vassalli għamel ħiltu biex jagħmel xogħol litterali u letterarju billi pprova jżomm mat-test oriġinali kemm jista' jkun, jagħżel il-kliem Semitiku biex jagħti bixra ta' Malti li ħaqqu rispett, u jinqeda b'sintassi li deherlu li kienet taqbel għall-Malti.

### L-Istorja tas-Sultan Ċiru, Malta, 1831

Sentejn wara l-mewt ta' Vassalli ħarġet it-traduzzjoni tiegħu ta' *L-Istorja tas-Sultan Ċiru* li oriġnarjament kienet miktuba bil-Franċiż minn Charles Rollin u stampata f'Pariġi fl-1740 bit-titlu *Histoire de Cyrus*, l-ewwel wieħed minn sitt volumi mgħammdin *Histoire Ancienne des Egyptiens, des Carthaginois, des Assyriens, des Babyloniens, des Medes et des Perses, des Macedoniens, des Grees*, u li kien maqlub għall-Ingliż fis-seklu dsatax u stampat Londra bla data bl-isem *The History and Travels of Cyrus*, xogħol li fih 245 + xvi paġni. It-traduzzjoni Maltija ħarġet mingħajr isem it-traduttur, imma l-ktieb kien attribwit lil Vassalli fuq dak li qal ir-Rev. C.F. Schlienz.[52]

### Kitba Letterarja Oriġinali

Fil-*Lexicon* tiegħu Vassalli ssuġġerixxa li, wara li hu kien waqqaf il-Malti fuq sisien sodi billi tah l-ortografija tiegħu, ġabarlu fi ktieb ir-regoli grammatikali u bnielu d-dizzunarju tiegħu, kien jeħtieġ li wieħed jibda jikteb xogħlijiet oriġinali. F'ħajtu, madankollu, Vassalli ma ppubblika l-ebda biċċa kitba kreattiva bil-Malti. Dan m'għandux għalfejn jaħsadna, għax anki jekk inħarsu lejn it-traduzzjonijiet li għamel, għandna nsibu li hu qaleb mill-Għarbi għal-Latin, mil-Latin għall-Malti, u mill-Franċiż jew l-Ingliż għall-Malti wkoll, bil-kuntrarju ta' dak li kien ipproġetta li jew niktbu mill-ewwel bil-Malti, jonkella naqilbu mill-ilsna Orjentali.[53] Terġa', meta kien jikteb xi ittra, manifest jew memorjal kien x'aktarx jinqeda jew bil-Franċiż, jew b'xi lsien ieħor barrani bħalma hu t-Taljan.

### Stedina, Malta, 1841

Il-biċċa xogħol waħdanija ta' kitba ta' proża bil-Malti ta' Vassalli hi t-taħdita li ġġib it-titlu **"Stedina"**, u li kienet stampata għall-ewwel darba tnax – il sena wara l-mewt tal-awtur. Din dehret bħala mudell ta' kitba Maltija fl-ittra ta' G.P. Badger, *A letter on the Eligibility of the Maltese Dialect as a Written Medium of Instruction in the Government Primary Schools addressed to His Excellency Sir H.F. Bouverie*, Malta, 1841.



F'din il-kitba Vassalli jitkellem dwar l-importanza li għandu jkollu l-Malti fl-edukazzjoni tal-Maltin biex huma jistgħu jimxu 'l quddiem. L-ideat imfissra fiha kienu ġa dehru f'ħafna kitbiet ta' Vassalli, bħalma hu fid-Diskors Preliminari tal-*Lexicon*. Bħalma jagħmel fit-traduzzjoni tal-Vanġeli u tal-Atti, it-traduttur fittex li jkollu Malti mirqum kemm f'dik li hi kostruzzjoni sintattika, inkluż it-tħaddim morfoloġiku, u kemm f'dak li hu lessiku.

### Il-Manifest ta' Vassalli

Vassalli ħareġ il-ktejjeb l-**Alfabet Mâlti mfisser byl Mâlti u byt-Taljan** fl-1790. Dan kien xogħol ċkejken biex iħejji t-triq għall-Grammatka tal-Malti bil-Latin **Mylsen Phoenico – Punicum sive Grammatica Melitensis** li ġiet stampata Ruma sena wara, jiġifieri fl-1791. L-iskop jidher li kien propagandistiku biex Vassalli jkun jaf x'suq seta' jkollu. F'dan is-sens, l-*Alfabet Mâlti* jista' jitqies bħala l-ewwel manifest ta' Vassalli. Iżda, minbarra dan, l-istess studjuż ħareġ żewġ manifesti oħra taħt għamla ta' karti volanti stampati fuq naħa waħda l-istess bħalma ġie li kienu jkunu stampati l-folji tal-aħbarijiet li kienu l-prekursuri tal-ġurnali ta' żmienna. Dawn kienu: (i) il-manifest tal-*Lexicon*, li jġib it-titlu *Associazione al Dizionario Maltese – Italo – Latino*, u (ii) il-manifest tal-*Appendiċi Etimoloġika u Komparattiva u żewġ Indiċijiet tal-Kliem Latin u Taljan* li jġib it-titlu *Avviso dell'Autore*.

### Associazione al Dizionario Maltese – Italo – Latino, Malta, 1792

Fl-1792 Vasssalli stampa l-manifest *Associazione al Dizionario Maltese – Italo – Latino* bħala propoganda għal-*Lexicon* tiegħu hawn Malta stess fl-Istamperija tal-Palazz tal-Gran Mastru li kellha bħala stampatur lil Fra Giovanni Mallia, u ħarġu bil-permess tas-Superjuri. Fih tkellem dwar l-importanza tad-dizzjunarju u ta ħafna tagħrif biex iħajjar lill-qarrejja ħalli jixxierku fil-pubblikazzjoni tiegħu. Hu żied iħabbar li kien se jagħmel edizzjoni ġdida tal-Grammatka tiegħu tal-Malti u li, fuq talba ta' ħafna nies, kien se jagħmilha bit-Taljan.

### Avviso Dell'Autore, Ruma, 1796

Fi tmiem il-Lessiku tiegħu, Vassalli ħareġ avviż lill-imseħbin tal-*Lexicon* u għamel riferenza għall-manifest tiegħu tal-1792 fejn qal li ma setax iwettaq ix-xewqa tiegħu li jistampa l-ktieb, kif kien wiegħed, fi tliet taqsimiet f'żewġ volumi ta' format sesto. Hu qal li kien beħsiebu joħroġ suppliment għall-vokabolarju Malti, minbarra l-*Appendiċi Etimoloġika u Żewġ Indiċijiet ta' Kliem Latin u Taljan*. Tkellem ukoll dwar il-prezz. Fl-avviż oriġinali, li x'aktarx kien stampat Ruma fl-1796, kien qal li minkejja li żdidulu l-ispejjeż ma kienx se jġegħlhom iħallsu aktar. Wara, madankollu, biddel il-ħsieb, u stampa x'aktarx hawn Malta fl-istamperija tal-Gran Mastru nota żgħira li tgħid li l-prezz kien se jogħla skud għall-opra sħiħa għall-abbonati. Hekk dawn kellhom iħallsu erba' skudi għal-*Lexicon* u żewġ skudi għall-*Appendiċi*. Għal min ma kienx membru, il-prezz kien ħames skudi għal-*Lexicon* u

żewġ skudi u nofs għall-*Appendiċi*. Il-karta li twaħħlet fuq il-manifest oriġinali ġġib l-isem ta' Vassalli, mingħajr it-titlu ta' Abate li kien deher fl-ewwel manifest, imma tagħrif ieħor dwar fejn, meta u minn min kienet stampata ma hemm xejn. Il-kwalità tal-karta u tat-tipi wżati jagħtuna ħjiel li tal-ewwel kienet stampata Ruma wara li ħareġ il-*Lexicon* (Ecco finalmente venuto alla luce il promesso Vocabolario Maltese), fil-waqt li l-karta l-miżjuda kienet stampata Malta qabel ma tqassam il-manifest.

1. A. Cremona, *Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu*, 2ni Edizzjoni, Klabb Kotba Maltin, Malta, 1975, p. 7.
2. M.A. Vassalli, *Ktyb yl Klym Mâlti 'Mfysser Byl-Latin u Byt-Taljan sive Liber Dictionum Melitensium hoc est Michaelis Antonii Vassalli Lexicon Melitense–Latino–Italum*, stampat għand Antonio Fulgoni, Ruma, 1796, paġna xiv, paragrafu xiv.
3. M.A. Vassalli, *Alfabet Mâlti 'Mfysser Byl Mâlti u byt-Taljan*, stampat għand Antonio Fulgoni, Ruma, 1790, p. 16.
4. Vassalli, op. cit., p.24.
5. Vassalli, *Lexicon*, p. viii.
6. Għall-vokali, ara *Alfabet Mâlti*, pp. 14 ss; għall-konsonanti, ara pp. 17ss.; għall-guttutali, ara pp. 19 ss.; u għall-ħsejjes (konsonanti u vokali) qrib xulxin, ara pp. 21 ss.
7. M.A. Vassalli, *Mylsen Phoenico–Punicum sive Grammatica Melitensis*, stampat għand Antonio Fulgoni, Ruma, 1791, pp. 4–5.
8. Vassalli, op. cit., pp. 5 ss.
9. Vassalli, op. cit., pp. 15 ss.
10. Vassalli, op. cit., p. 59.
11. Vassalli, op. cit., loc. cit.
12. Vassalli, op. cit., pp. 63–68.
13. Vassalli, op. cit., pp. 69–77.
14. Vassalli, op. cit., p. 79.
15. Vassalli, op. cit., pp. 101–4.
16. Vassalli, op. cit., p. 208.
17. Vassalli, op. cit., pp. 212–229.
18. M.A. Vassalli, *Grammatica della Lingua Maltese*, Seconda Edizione, scritta in Italiano, molto accresciuta, ed in miglior ordine ridotta dal medesimo, Malta, 1827, pp. v–vii. Din il-grammatka tissejjaħ it-Tieni Edizzjoni mhux għax kien hemm edizzjoni oħra bit-Taljan, imma għaliex Vassalli qies il-grammatka tal-1791 bħala l-ewwel edizzjoni.
19. Vassalli, op. cit., p. 1.
20. Vassalli, op. cit., p. 2.
21. Vassalli, op. cit., p. vii.
22. Vassalli, op. cit., p. 1.
23. Vassalli, op. cit., p. 3, Nru 5.
24. Vassalli, op. cit., pp. 9–14.
25. Vassalli, op. cit., pp. 14–17.
26. Vassalli, op. cit., p. 21.
27. Meta Vassalli jagħżel bejn il-konsonanti radikali u dawk servili, jgħid li l-injoranza dwar il-forma radikali tal-verb Malti minn dejjem kienet tnissel taħwid fil-kitba tagħna. Żball bħal dan kien waqa' fih il-Kanonku Ġ.P.F. Agius de Soldanis li daħħal, per eżempju, l-istess verb kemm fil-perfett u kemm fl-imperfett.
28. Vassalli, op. cit., p. 45. Biex wieħed jifhem l-importanza ta' dan l-istudju dwar il-vokalizzazzjoni tal-verb Malti irid iġib quddiem għajnejh li fi żmienna studji bħal dawn saru wkoll minn studjużi kbar.



Ara, bħala eżempju, P.P. Saydon, "The Vocalization of the Verb in Maltese", *Orbis*, Louvain, Tome VII, No 1, 1958, pp. 168–182; J. Aquilina, *The Structure of Maltese*, The Royal University of Malta, Malta, 1959, pp. 16–67.
29. Vassalli, op. cit., pp. 83–124.
30. Vassalli, op. cit., p. 120.
31. Vassalli, op. cit., p. 130.
32. M.A. Vassalli, *Lexicon*, p. iii.
33. Vassalli, op. cit., pp. vii–viii.
34. Vassalli, op. cit., p. viii.
35. Vassalli, op. cit., pp. ix–xlii.
36. Vassalli, op. cit., p. ix; p. x, nota 2.
37. Vassalli, op. cit., p. ix.
38. Vassalli, op. cit., p. xi.
39. Vassalli, op. cit., pp. xiii–xx.
40. Vassalli, op. cit., xx–xxvii.
41. Vassalli, op. cit., pp. xxvii–xxxii. Fil-paġna xxviii, paragrafu xi, Vassalli jgħid b'mod ċar li hu kien qiegħed juża t-terminu 'element' fis-sens ta' 'ħoss lingwistiku', hekk li nistgħu ngħidu li kien l-ekwivalenti tal-'fonema' li nsibu fil-lingwistika ta' żmienna.
42. Vassalli, op. cit., pp. xxxii–xxxiv.
43. Vassalli, op. cit., pp. xxxiv–xxxv.
44. Vassalli, op. cit., pp. xxv–xxxvii.
45. Vassalli, op. cit., pp. xxxvii.
46. Vassalli, op. cit., xxxix–xlii.
47. Vassalli, op. cit., kolonni 1–682.
48. M.A. Vassalli, *Motti, Aforismi e Proverbii Maltesi, raccolti, interpretati e di note esplicative e filologiche corredati*, Malta, 1828, p. vi.
49. Vassalli, *Lexicon*, p. xxix, nota 10.
50. Vassalli, op. cit., p. xxviii, nota 10.
51. Għal iżjed tagħrif fuq Vassalli u t-traduzzjoni Biblika tiegħu, ara t-teżi ta' Edward Fenech, *A Comparative Linguistic Study in the Translations of the Gospel According to Saint John in Maltese and Arabic*, 1969, kopja ttajpjata fil-Librerija tal-Università ta' Malta, fit-taqsima tal-Melitensia.
52. Ara C.F. Schlienz fil-ktieb tiegħu *Views on the Improvement of the Maltese Language and its Use for the Purpose of Education and Literature*, Malta, 1838, p. 40.
53. Vassalli, *Lexicon*, pp. xxxviii–xxxix.
54. G.P. Badger, *A Letter on the Eligibility of the Maltese Dialect as a Written Medium of Instruction in the Government Primary Schools*, Malta, 1841, pp. 12–16.